Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,346, 19 ta' Ottubru, 1990
Taqsima B

A.L. 172 ta' l-1990

ATT TA' L-1977 DWAR L-ENEMALTA

(ATT NRU. XVI TA' L-1977)

Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Kurrent Elettriku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 39 ta' l-Att ta' l-1977 dwar l-Enemalta, l-Enemalta, bl-approvazzjoni tal-Ministru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura, għamlet ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1990 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Kurrent Elettriku, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1939 fuq il-Provvista tal-Kurrent Elettriku, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

G.N. 223 ta' l-1940.

(2) Dawn ir-regolamenti għandu jkollhom effett mill-1 ta' Novembru, 1990.

Jemenda r-regolament 42 tar-regolamenti prinċipali.

2. Il-proviso li jinsab mar-regolament 42 tar-regolamenti prinċipali għandu jitħassar.

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. It-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-kliem "TARIFFA 1" tagħha għandhom jitħassru; u

(b) it-Tariffa 2 tagħha għandha titħassar.